# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

## TAQSIMA A **(15-il marka)**

**Kompli dawn is-sentenzi bil-kliem t'hawn isfel:** **(marka kull waħda)**

| | |
|---|---|
| 1. San Franġisk kien jgħid | |
| 2. It-tentazzjonijiet | |
| 3. Jien hu Alla sidek: | |
| 4. Dan hu Ibni l-għażiż. | |
| 5. Is-Sataniżmu huwa | |
| 6. Kulma tagħmlu ma' l-iżgħar fost dawn ħuti | |
| 7. Ix-xitan jinqeda bil-kurżità tagħna | |
| 8. F'ġurament falz | |
| 9. Bit-talb aħna | |
| 10. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna | |
| 11. Il-Griżma ta' l-Isqof tgħinna | |
| 12. L-għalliema tar-Reliġjon iwasslulna | |
| 13. Is-saċerdot iwasslilna | |
| 14. Nagħmlu dnub | |
| 15. F'Ġesù nsibu | |

| | | |
|---|---|---|
| *m'humiex dnub* | *tkunu tagħmluh miegħi* | *"Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek"* |
| *dak li hu tajjeb jew ħażin* | *l-milja tal-Kelma t'Alla* | *biex iħajjarna u jorbotna miegħu* |
| *nfittxu l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu* | *Isimgħu lilu* | *nikkomunikaw ma' Alla* |
| *Ma jkollokx Alla ieħor għajri* | *tkun qed tagħmel lil Alla xhud tal-gideb tiegħek* | *l-agħar espressjoni ta' tkasbir lejn Alla* |
| *l-maħfra t'Alla* | *meta nagħmlu dak li hu ħażin* | *l-kelma t'Alla fl-iskola* |

## TAQSIMA B **(15-il marka)**

*"U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu. U berikhom Alla u qalilhom: "Nisslu u oktru u imlew l-art…"*

*"U ħares Alla lejn kull ma għamel. U ara, kollox kien tajjeb ħafna." (Ġen 1,27-28,31).*

**Issa wieġeb:**

1) Min ħalaq l-imħabba? *(marka)*

________________________________________

2) Xi tfisser li s-sess hu wieħed mill-ikbar rigali li tana Alla? *(2 marki)*

________________________________________

3) Meta l-bniedem juża ħażin is-sess? *(2 marki)*

________________________________________

4) Xi jfisser li Alla ħalaqna xbieha tiegħu, raġel u mara? *(2 marki)*

________________________________________

5) X'ried ifisser Alla meta qal: "Nisslu u oktru u imlew l-art"? *(2 marki)*

________________________________________

6) Inti kif tista' turi r-rispett li għandu jkollna lejn is-sess permezz ta' l-ilbies, l-għajnejn, il-ħsibijiet, il-kliem u l-mod kif immissu lill-oħrajn? *(6 marki)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## TAQSIMA Ċ **(20 marka)**

**Agħżel WIEĦED minn dawn u, fuq karta separata, ikteb mhux inqas minn 40 kelma dwaru.**

1) Il-Ħbiberija: xebbahha ma' dik bejn ta' Ġonatan u David.
2) Il-Ħbiberija: xebbahha mal-ħbiberija li Ġesù kellu jew ma' l-Appostli, jew ma' Lazzru.
3) L-Imħabba lejn il-proxxmu: semmi b'mod konkret kif inti llum tista' tgħin lil xi ħadd fil-bżonn fuq l-eżempju ta' Ġesù jew ta' xi qaddis.

## TAQSIMA D **(20 marka)**

**Għid x'għamlu dawn in-nies biex juru l-imħabba tagħhom lejn Alla u l-proxxmu:**

1) San Franġisk *(3 marki)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

2) San Martin *(3 marki)*

3) Madre Tereża *(3 marki)*

4) San Pietru *(3 marki)*

5) Omm u missier *(3 marki)*

6) Ġesù mal-morda *(3 marki)*

7) Tobija *(2 marki)*

## TAQSIMA E **(20-il marka)**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**

1. Għaliex għandna nħobbu lil Alla u nqegħduh qabel kulħadd? *(marka)*

2. Xi ġralu Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ? *(marka)*

3. a. Semmi żewġ allat ta' żminijietna. *(2 marki)*

b. Għid għaliex dawn saru allat. *(2 marki)*

4. Xi tfisser il-kelma 'idolatrija'? *(2 marki)*

5. Għaliex għandna nħobbu lill-proxxmu? *(2 marki)*

6. Ma' Ġesù dehru jitkellmu Mosè u Elija fit-Trasfigurazzjoni. Xi jfissru dawn iż-żewġ persunaġġi tat-Testment il-Qadim? *(2 marki)*

7. Semmi tliet affarijiet li jgħinuna niffurmaw kuxjenza tajba. *(3 marki)*

a.

b.

ċ.

8. X'kienu t-tliet tentazzjonijiet ta' Ġesù? *(3 marki)*

a.

b.

ċ.

9. Fit-Trasfigurazzjoni l-leħen tal-Missier jgħidilna żewġ affarijiet importanti. X'inhuma? *(2 marki)*

## TAQSIMA F **(10 marki)**

**Ikteb, fuq karta separata, ŻEWĠ sentenzi fuq KULL WAĦDA minn dawn li ġejjin biex turi li taf xi jfissru:**

1) Ġesù huwa t-triq, il-verità u l-ħajja.
2) Ħenjin dawk li kienu mistiedna għall-mejda tat-tieġ tal-Ħaruf.
3) Napprezza s-sess tiegħi bħala rigal li tani Alla.
4) "Intom, tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej, għax dan hu sewwa." (Ef 6,1)
5) "Weġġaħ lil missierek u 'l ommok sabiex jitkattru jiemek fuq l-art." (Eż 20,12)